

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 843/2002

tal-21 ta' Mejju 2002

**li jippreskrivi l-istandard ta' kwalità fil-bejgħ tal-frawli u li jemenda r-Regolament (KEE)
Nru 899/87**

(ĠU L 134, 22.5.2002, p. 24)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 46/2003 tal-10 ta' Jannar 2003	L 7	61	11.1.2003
► M2	emendat minn Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 6/2005 ta' l-4 ta' Jannar 2005	L 330M	148	9.12.2008
► M3	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 907/2004 tad-29 ta' April, 2004	L 163	50	30.4.2004

▼B**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 843/2002****tal-21 ta' Mejju 2002**

**li jippreskrivi l-istandard ta' kwalità fil-bejgħ tal-frawli u li
jemenda r-Regolament (KEE) Nru 899/87**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 545/2002⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(3) (ċ) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-frawli huma fost il-prodotti li jidhru fl-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 li għalihom iridu jiġu adottati standards ta' kwalità. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 899/87 tat-30 ta' Marzu 1987 li jippreskrivi standards ta' kwalità għaċċiċi u l-frawli rakkommandat mill-Grupp tax-Xogħol fuq l-Istandardizzazzjoni ta' Prodotti li Jithassu Malajr u l-Iżvilupp ta' Kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika tal-Ġnus Magħquda għall-Ewropa (UN/ECE). Ir-regoli li jikkonċernaw il-frawli għandhom għal-daqstant jiġu miktuba mill-ġdid u għal din ir-raġuni r-Regolament (KEE) Nru 899/87 għandu jiġi emendat.
- (2) Għal skopijiet ta' kjarezza, ir-regoli fuq il-frawli għandhom jiġu mifruda minn dawk ta' prodotti oħra taħt ir-Regolament (KEE) Nru 899/87. F'din l-okkażjoni, bl-iskop li tiġi protetta t-trasparenza fis-suq dinji, għandu jiġi kkunsidrat l-istandard tal-kwalità fil-frawli rakkommandat mill-Grupp tax-Xogħol fuq l-Istandardizzazzjoni ta' Prodotti li Jithassu Malajr u l-Iżvilupp ta' Kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika tal-Ġnus Magħquda għall-Ewropa (UN/ECE). Ir-regoli li jikkonċernaw il-frawli għandhom għal-daqstant jiġu miktuba mill-ġdid u għal din ir-raġuni r-Regolament (KEE) Nru 899/87 għandu jiġi emendat.
- (3) Bl-applikazzjoni ta' standards ġoddha ta' kwalità għandhom jitneħħew mis-suq prodotti li l-kwalità tagħhom mhix sodisfaċenti, il-produzzjoni ssir konformi mal-htigħiġiet tal-konsumatur kif ukoll jiġi issaċċilitat il-kummerċ ibbażat fuq kompetizzjoni leali, u b'hekk jiġi meħġjun titjib fil-profitti.
- (4) L-istards ta' kwalità huma applikabbi fil-fażċiċċi kollha tal-marketing. It-trasport fit-tul, il-ħżin tal-prodotti għal aktar minn ċertu perjodu u l-proċessi varji li minnhom jgħaddu l-prodotti, jistgħu jikkawżaw ċertu grad ta' taħsir minħabba l-proċess bioloġiku tal-prodotti jew in-natura ta' taħsir malajr tagħhom. Dan it-taħsir għandu jiġi kkunsidrat meta jiġu applikati l-istards ta' kwalità fl-istadji tal-bejgħ wara li jkun sar id-dispaċċ. Peress illi prodotti tal-Klassi "Extra" iridu jiġu magħżula u ppakkjati b'attenzjoni partikolari, fil-każ-żiegħi tagħhom għandhom jiġi kkunsidrati biss in-nuqqas ta' freskezza u l-istat ta' nefħa tagħhom.
- (5) Waħda mill-kondizzjonijiet minimi tal-frawli hija li għandhom ikunu mmaturaw bizzżejjed. Id-data xjentifika u teknika eżistenti ma tippermittix li jiġi definiti kriterji ta' min wieħed joqgħod fuqhom u oġġettivi biex tista' tiġi assessjata din il-kondizzjoni.
- (6) Il-bejgħ ta' frawli, mingħajr ir-rimja, ta' ċerti varjetajiet li malajr iwaqqgħu r-rimja tagħhom fi żmien il-fasad, huwa tradizzjonal fir-reġjun tal-produzzjoni ġewwa l-Finlandja u ġewwa d-Danmarka. Dawn iż-żewġ Stati Membri għamlu talba, skond ir-Regolament (KE) Nru 2200/96, biex il-frawli li jiġu prodotti u kkuns-

⁽¹⁾ ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 84, tat-28.3.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 88, tal-31.3.1987, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU L 126, tas-17.5.1997, p. 11.

▼B

mati f'dawk ir-reġjuni m'għandhomx għalfejn jikkonformaw ma' dawk l-istandard ta' kwalitā. Dan ir-Regolament għandu għal-hekk jinkludi deroga li taħseb għal dan.

- (7) Il-miżuri li hemm maħsuba f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni dwar il-Frott Frisk u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-istandard ta' kwalitā għall-frawli li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0810 10 00 għandu jkun kif hemm iddiċjarat fl-Anness.

L-istandard ta' kwalitā għandu japplika fil-fażijiet kollha tal-*marketing* taħt il-kondizzjonijiet preskritti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Madankollu, fil-fażijiet ta' wara dak tad-dispaċċ, il-prodotti jistgħu juru b'relazzjoni mal-kondizzjonijiet ta' l-istandard tal-kwalitā:

- (a) nuqqas żgħir ta' freskezza u ta' stat ta' nefħa;
- (b) fir-rigward ta' prodotti li mhumiex klassifikati taħt il-Klassi “Extra”, taħsir żgħir ħafna minħabba l-proċess ta' żvilupp tagħhom u t-tendenza li jkollhom li jitħassru.

L-Artikolu 2

1. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-frawli ta' dawk il-varjetajiet li malajr iwaqqgħu r-rimja tagħhom fi żmien il-ħsad jistgħu jinbiegħu mingħajr rimja fir-reġjun tal-produzzjoni ġewwa l-Finlandja u ġewwa d-Danimarka.

2. Għall-applikazzjoni ta' paragrafu 1, kull pakkett jew lott għandu jkollu muri fuqu, minbarra l-indikazzjoni l-oħra meħtieġa, l-indikazzjoni li ġejja:

— bil-Finlandiż:

“myydäǟn ainoastaan... (reġjun tal-produzzjoni),”;

— bid-Daniż:

“må kun sælges i... (reġjun tal-produzzjoni),”;

— bl-Isvediż:

“fär endast säljas i... (reġjun tal-produzzjoni).”.

L-Artikolu 3

Ir-Regolament (KEE) Nru 899/87 huwa emendat kif ġej:

- (a) It-titolu qiegħed jiġi sostitwit b'dan li ġej: “Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 899/87 tat-30 ta' Marzu 1987 li jippresk-rivi standards ta' kwalitā għaċċ-ċirasa”.
- (b) L-Artikolu 1(1) qiegħed jiġi sostitwit b'dan li ġej:
“1. L-istandard ta' kwalitā għaċċ-ċirasa, li taqa' taħt il-kodiċi NM 0809 20 95, għandhom ikunu kif imniżżla fl-Anness.”;
- (c) L-Anness II huwa mħassar.
- (d) Fl-Anness I, il-kliem “L-Anness I” qegħdin jiġu sostitwiti bil-kelma li ġejja: “L-Anness”.

L-Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffīċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

▼B

Għandu jaapplika mill-ewwel ġurnata tat-tielet xahar wara li jkun daħal fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B*L-ANNESS***STANDARD TA' KWALITÀ GĦALL-FRAWLI****I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT**

Dan l-istandard ta' kwalità japplika għall-frawli ta' varjetajiet (imnissla bil-koltivazzjoni) mkabbra mill-ġenuss *Fragaria* L. li jitwasslu friski għand il-konsumatur, filwaqt li jiġu esklużi frawli għall-ipproċessar industrijali.

II. DISPOSIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IL-KWALITÀ

L-Iskop ta' l-istandard ta' kwalità huwa li jiġu definiti l-kondizzjonijiet meħtieġa tal-frawli wara l-proċess tal-preparazzjoni u l-imballaġġ.

A. Kondizzjonijet minimi meħtieġa

Fil-klassijiet kollha, soġġett għad-disposizzjoniġiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permissibbli, il-frawli għandhom ikunu:

- intatti,
- tajbin; prodotti li jkunu affettwati mit-taħsir u d-deterjorazzjoni li jagħmilhom mhux tajbin għall-konsum tan-nies huma esklużi,
- nodfa, prattikament li jkunu ħielsa minn kull materja barranija li tkun tidher,
- jidhru friski, imma mhux maħsula,
- prattikament ħielsa minn insetti,
- prattikament ħielsa minn ħsara iċċaqunata minn insetti,
- bir-rimja (ħlief fil-każ ta' frawli selvaġġ); ir-rimja u z-zokk (jekk ikun hemm) iridu jkunu friski u ħodor,
- ħielsa minn umdità esterna anormali,
- ħielsa minn riħa u/jew togħma barranija.

Il-frawli għandhom ikunu ġew maqtugħha bl-attenzjoni.

Iridu jkunu kibru biżżejjed u jkunu juru kondizzjoni sodisfaċenti ta' maturitā. Il-kobor u l-kondizzjoni tagħhom iridu jkunu tax-xorta li tipper-mettilhom:

- li jifilħu għat-trasport u t-tqandil, u
- li jaslu f'kondizzjoni sodisfaċenti fil-post tad-destinazzjoni.

B. Klassifikazzjoni

Il-frawli jiġi klassifikat fi tliet klassijiet kif definiti hawn taħt:

(i) Klassi "Extra"

Il-frawli f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità superjuri. Irid ikun karatteristiku tal-varjetà partikolari.

Irid ikun ileqq fl-apparenza, filwaqt illi jaħseb għall-karatteristiki tal-varjetà.

Irid ikun ġieles mill-ħamrija.

Irid ikun ġieles minn difetti bl-eċċejżjoni ta' difetti superfiċjali żgħar ħafna bil-kondizzjoni li dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni fil-paknett.

(ii) Klassi I

Il-frawli f'din il-klassi jrid ikun ta' kwalità tajba. Fejn jidħol il-kulur u l-forma, irid ikun karatteristiku tal-varjetà partikolari.

Id-difetti żgħar li ġejjin, madankollu, huma permissibbli bil-kondizzjoni li dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni fil-paknett:

- difett żgħir fil-forma,
- roqgħa bajda, li ma teċċedix wieħed minn għaxra ta' l-erja tal-wiċċi tal-frotta,

▼B

— marki żgħar ta' tagħfis fil-wiċċċ.

Għandhom ikunu prattikament ħielsa mill-ħamrija.

(iii) *Klassi II*

Din il-klassi tħinkludi frawli li ma jikkwalifikawx biex jiġu inklużi fil-klassijiet aktar għolja, imma li jissodisfaw il-kondizzjonijiet minimi meħtieġa speċifikati hawn fuq.

Id-difetti li ġejjin jistgħu jkunu permissibbli bil-kondizzjoni li l-frawli jibqgħu jżommu l-karatteristiċi essenzjali tagħhom fejn jirrigwarda l-kwalitā, iż-żamma tal-kwalitā u l-preżentazzjoni:

- difetti fil-forma,
- roqgħa bajda li ma tkunx akbar minn wieħed minn ħamsa ta' l-erja tal-wiċċ tal-frotta,
- tbenġil ħafif li jkun xott u mhux probabbi li jinxtered,
- traċċi żgħar ta' ħamrija.

III. DISPOSIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW ID-DAQS

Id-daqqs jiġi determinat bid-dijametru massimu tas-sezzjoni ekwatorjali.

Il-frawli għandu jkun tad-daqṣijiet minimi li ġejjin:

- Klassi “Extra”: 25 mm,
- Klassi I u II: 18 mm.

M’hemmx daqs minimu għall-frawli selvaġġi.

IV. DISPOSIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IT-TOLLERANZI

Tolleranzi fir-rigward ta' kwalitā u daqs għandhom jiġu permessi f'kull pakkett għall-prodott li ma jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-klassi indikata.

A. Tolleranzi tal-kwalitā(i) *Klassi “Extra”*

5 % bin-numru jew bil-piż tal-frawli li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet tal-klassi imma li jossodisfaw dawk ta' Klassi I jew, b'mod eċċeżżjonali, fil-limiti tat-tolleranzi ta' dik il-klassi. Minn dawn il-5 % mhux aktar minn total ta' 2 % jista' jikkonsisti minn frott imħassar.

(ii) *Klassi I*

10 % bin-numru jew bil-piż tal-frawli li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet tal-klassi imma li jissodisfaw dawk ta' Klassi II jew, b'mod eċċeżżjonali, fil-limiti tat-tolleranzi ta' dik il-klassi. Minn dawn l-10 %, mhux aktar minn total ta' 2 % jista' jikkonsisti minn frott imħassar.

(iii) *Klassi II*

10 % bin-numru jew bil-piż tal-frawli li ma jossodisfawx la l-kondizzjonijiet tal-klassi u lanqas il-kondizzjonijiet minimi meħtieġa, bl-eċċeżżjoni ta' prodott affettwat bit-taħsir, tbenġil aħrax jew kull deteriorament ieħor li jagħmilhom mhux tajba biex jittieklu mill-bniedem. Minn dawn l-10 %, mhux aktar minn total ta' 2 % jista' jikkonsisti minn frott imħassar.

B. Tolleranzi tad-daqqs

Għall-klassijiet kollha: 10 % bin-numru jew bil-piż tal-frawli li ma jikkonformawx mad-daqqs minimu.

V. DISPOSIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IL-PREŻENTAZZJONI**A. Uniformità**

Il-kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun fiż-żebbu biss frawli ta' l-istess oriġini, varjetà u kwalitā.

Fil-każ tal-klassi “Extra”, il-frawli, bl-eċċeżżjoni tal-frawli tal-bosk, irid ikun b'mod partikolari uniformi u regolari fir-rigward tal-grad ta' maturitā, kultur u daqs. Fi Klassi I, il-frawli jistgħu jkunu anqas uniformi fid-daqqs.

▼B

Il-parti li tidher tal-kontenut tal-pakkett trid tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

▼M1

Minkejja d-dispożizzjonijiet preċedenti f'dan il-punt, prodotti kopriti b'dan ir-Regolament jistgħu jiġu mħallta, f'pakketi ta' bejgħ ►M2 ta' piżi nett inqas jew daqs tliet kilogrammi ◀, b'tipi differenti ta' frott u ħaxix frisk skond il-kondizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 48/2003 (¹).

▼B**B. Imballaġġi**

Il-frawli għandhom jiġu ppakkjati b'mod li l-prodott ikun protett kif suppost.

Il-materjal li jintuża għal ġewwa l-pakkett irid ikun ġdid, nadif u ta' kwalità li tiġi evitata kull īxsara minn barra jew minn ġewwa għall-prodott. L-użu ta' materjali, partikolarment karta jew timbri li jkun fihom speċifikazzjonijiet tan-negożju huwa permess bil-kondizzjoni li l-istampar u t-tqegħid tat-tikketti jkun sar bl-użu ta' linka li mhix tossika jew kolla.

Il-frott ta' Klassi "Extra" għandu jkun ippreżentat b'mod l-aktar tajjeb.

Il-pakketti jridu jkunu ħielsa minn kull ħaġa barranija.

▼M3

Tikketti li jitwaħħlu individwalment fuq il-prodott għandhom ikunu hekk li meta jitneħħew ma jħallux warajhom traċċi ta' kolla li jidhru u li dawn ma jwasslux għal difetti fil-ġilda.

▼B**VI. DISPOSIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW L-IMMARKAR**

Kull pakkett irid ikollu fuqu l-partikolaritajiet li ġejjin, f'ittri miġbura flim-kien fuq l-istess naħa, immarkati b'mod li jinqara sew u li ma jitħassrux, u li jidhru min-naħħa ta' barra:

▼M3**A. Identifikazzjoni**

L-isem u l-indirizz ta' min jippakkja u ta' min jibgħat.

Dan id-dettall jista' jinbidel:

- fil-każ tal-pakkjar kollu ħlief pakkjar li jkun lest minn qabel, bil-marka ta' kowd maħruġa uffiċċjalment u aċċettata li tirrappreżenta lil min ippakkja u/jew lil min ikun jibgħat, indikata f'konnessjoni mill-qrib bir-riferenza "Min Ippakkja u/jew Min Qed Jibgħat" (jew abbrevjazzjonijiet li jfissru l-istess);
- fil-każ biss ta' pakkjar li jkun tlesta minn qabel, b'isem u l-indirizz ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità indikat b'konnessjoni mill-qrib bid-dettall "Ippakkjat għal;" jew b'xi dettall li jfisser l-istess. F'dan il-każ, it-tikkettjar għandu jinkludi wkoll xi kowd li jirrappreżenta lil min ippakkja u/jew lil min ikun qed jibgħat. Il-bejjiegħ irid jagħti l-informazzjoni kollha meqjusa bħala meħtieġa mill-korp ta' spezzjoni dwar it-tifsira ta' dan il-kowd.

▼B**B. Natura tal-prodott**

- "Frawli", jekk il-kontenut tal-pakkett ma jkunx jidher min-naħħa ta' barra.
- Isem tal-varjetà (mhux obbligatorju).

C. Oriġini tal-prodott

- L-isem tal-pajjiż ta' l-oriġini u, mhux obbligatorju, id-distrett fejn sar it-tkabbi jew l-isem nazzjonali, reġjonali jew lokali tal-post.

D. Speċifikazzjonijiet Kummerċjali

- Klassi.

▼B

E. Marka uffiċjali tal-kontroll (mhux obbligatorja)

▼M3

L-ippakkjar m'għandux għalfejn juri d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu, meta dan ikun jinkludi pakkjar lest għall-bejgħ, li jkun jidher biċ-ċar minn barra u li jkun fih dawn id-dettalji. Dan il-pakkjar m'għandux ikollu indikazzjonijiet li jistgħu iqarrqu. Meta dan l-ippakkjar ikun imqiegħed fuq pallets, id-dettalji għandhom jidħru permezz ta' avviż imqiegħed fpożizzjoni ovvja fuq għall-inqas żewġ naħat tal-pallet.